**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 845/2022 MS*

**Rita Cassar**

**Vs.**

**Edward Sammut u Antonella Farrugia**

Illum, 5 ta' Mejju 2025

Kawża Numru: 8

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fid-19 ta' Settembru 2022, li bih wara li ġie premess dan li ġej:

> Peress illi l-intimati flimkien u in solidum bejniethom ghandhom jhallsu lir-rikorrenti s-somma bilancjali u

> kumplessiva ta' sbatax il-elf, mija u hamsa u tlettin ewro (Euro 17,135) rapprezentanti somma bilancjali minn somma akbar mislufa 'brevi manu' lill- intimati flimkien u solidalment bejniethom, u dana skond skrittura privata datata 1 ta' Marzu 2016 (Dok A);
>
> Illi r-rikorrenti tiddikjara li taf b' dawn il-fatti hija personalment.
>
> Peress illi l-ntimati gew nterpellati ghall-hlas bilacjali diversi drabi izda baqu nadempjenti;
>
> Peress illi dan l-ammont huwa cert, likwidu u dovut u l-ntimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x' jaghtu ghat-talbiet attrici;

l-istess attriċi ssoktat billi titlob lil din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u opportuna, jogħġobha:

> 1.Tghaddi biex taqta' u tiddeciedi bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza ai termini tal- artikoli 167 - 171 tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili; u
>
> 2.Tiddikjara illi l-intimati flimkien u solidalment bejniethom ghandhom jhallsu lir- rikorrenti s-somma bilancjali u kumplessiva ta' sbatax il-elf, mija u hamsa u tlettin ewro (Euro 17,135) flimkien mal-imghax legali dekorribbli mid-data tal-iskrittura privata datata tal-1 ta' Marzu 2016 sal-pagament effettiv.
>
> 3.Tikkundanna lill-ntimati flimkien u solidalment bejniethom jhallsu lir-rikorrenti l- ammont bilancjali kumplessiv ta' sbatax il-elf, mija u hamsa u tlettin ewro (Euro 17,135) flimkien mal-imgħaxijiet legali dekorribbli mid-data tal-iskrittura ta' bejniethom bid-data tal-1 ta' Marzu 2016 sal-pagament effettiv.
>
> Bl-ispejjez, kontra l-intimati ndivizament bejniethom li huma ngunti ghas-subizzjoni.

2. Rat li l-konvenuti, għalkemm ġew debitament notifikati bil-mezz tal-pubblikazzjoni u tal-affissjoni, la dehru għas-smigħ tal-kawża u lanqas ma ressqu risposta ġuramentata, u għalhekk ġew dikjarati kontumaċi;

3. Rat li fl-udjenza tal-21 ta' Frar 2025, din il-Qorti ordnat li l-kawża titkompla bil-proċedura ordinarja peress li l-avviż fir-rikors ġuramentat sabiex il-konvenuti jressqu r-risposta ġuramentata fi żmien għoxrin jum ma kienx ġie ngassat;

4. Rat in-nota preżentata fit-3 ta' Marzu 2025, li biha l-attriċi irriduċiet it-talba tagħha b'elf Ewro u għalhekk l-ammont mitlub minnha kien dak ta' sittax-il elf mija u ħamsa u tletin Ewro flimkien mal-imgħax;

5. Semgħet ix-xiehda tal-attriċi;

6. Rat id-dokumenti eżebiti;

7. Rat li l-konvenuti, għad illi ingħataw l-opportunità li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom bil-miktub, ma għamlu xejn minn dan;

8. Rat li l-kawża ġiet imħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

9. Illi din hija azzjoni mressqa mill-attriċi kontra l-konvenuti sabiex dawn jiġu kanonizzati bħala debituri solidali tagħha.

10. Għalkemm il-kawża nbdiet bil-proċedura sommarja speċjali, għar-raġunijiet fuq spjegati din il-Qorti ordnat li l-kawża titkompla bil-proċedura ordinarja;

11. Mill-atti jirriżulta li bi skrittura privata datata l-1 ta' Marzu 2016[1], il-konvenuti solidalment bejniethom ikkostitwew ruħhom bħala debituri ċerti u likwidi tal-attriċi fis-somma ta' tmintax-il elf sitt mija u ħamsa u tletin Ewro. Il-ftehim kien li dan id-dejn jitħallas permezz ta' pagamenti mensili ta' tliet mitt Ewro, flimkien mal-imgħax ta' ħamsa fil-mija fis-sena dekorribbli minn dakinhar tal-iskrittura. Ġie wkoll miftiehem li jekk il-konvenuti jonqsu li jħallsu fit-terminu miftiehem jiddekadu mill-benefiċċju tat-terminu.

[1] Fol.5.

12. L-attriċi, fid-dikjarazzjoni ġuramentata mehmuża mar-rikors ġuramentat tagħha[2], qalet li l-konvenuti ħallsu biss is-somma ta' elf u ħames mitt Ewro akkont, bl-aħħar ħlas magħmul fl-4 ta' Marzu 2022 jkun fl-ammont ta' mitt Ewro. Peress li kien fadal bilanċ qawwi x'jitħallas, hija ressqet din il-kawża.

13. Waqt l-udjenza tal-5 ta' Frar 2024[3], id-difensur tal-attriċi ddikjara li fil-mori tal-kawża hija kienet tħallset l-ammont kumplessiv ta' seba' mitt Ewro, li kien ġie imputat lill-imgħax dekors jew akkumulat.

14. L-attriċi xehdet fl-udjenza tat-3 ta' Marzu 2025, u kkonfermat li kienet irċeviet l-ċertu ħlasijiet akkont fil-mori tal-kawża, b'mod li l-bilanċ dovut lilha llum jammonta għal €16,135, flimkien mal-imgħax.

15. L-azzjoni tal-attriċi hija l-*actio constitutae pecuniae*, li biha kreditur jitlob li jiġi kanonizzat, u ċjoè «*Secondo gli usi nostri il patto* constitutae pecuniae *può definirsi semplicimente una convenzione con la quale alcuno promette ad un creditore di pagarlo… Quando alcuno con questo patto promette al suo proprie creditore di pagarlo, nasce una nuova obbligazione, la quale non distrugge la prima cui era già tenuto, ma che vi accede; e con questa moltiplicazione d'obbligazioni il creditore si trova più sicuro*»[4].

16. L-attur f'azzjoni bħal din huwa obbligat iġib il-prova tal-patt, filwaqt li d-debitur imbagħad huwa mistenni li jagħti raġunijiet għaliex dak il-patt m'għandux jiġi onorat.

17. L-attriċi ressqet prova xierqa tal-patt li fuqu qed tibbaża l-azzjoni tagħha. Il-kawża saret meta ż-żmien kollu miftiehem għall-ħlas kien għadda, u għalhekk il-benefiċċju taż-żmien mogħti lill-konvenuti kien skada.

---

[2] Fol.4.
[3] Fol.44.
[4] ***Pothier***, Trattato delle Obbligazioni (Napoli, 1832), Vol.**II**, pġa.146.

18. Il-konvenuti, min-naħa l-oħra, ma ressqu ebda raġuni jew eċċezzjoni għaliex dak il-patt għandu jitwarrab, jew inkella li l-ammont li l-attriċi tgħid huwa dovut m'huwiex dovut għaliex tħallas.

19. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk it-talbiet tal-attriċi, kif ridotti, għandhom jintlaqgħu.

20. L-attriċi però titlob ukoll l-imgħax legali, u dan għad illi fl-iskrittura privata li biha l-kontendenti ftehmu dwar il-ħlas lura tad-dejn, ġie miftiehem imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija, liema rata kellha tgħodd anki fil-każ ta' dekadenza mill-benefiċċju tat-terminu. Għalhekk hija din ir-rata t'imgħax li hija miftehma li għandha tapplika għall-każ.

21. Fuq kollox, il-liġi trid li f'każ ta' mutwu, li mir-rikors ġuramentat u mill-atti jirriżulta li huwa r-rapport eżistenti bejn il-kontendenti, ir-rata ta' ħamsa fil-mija tgħodd anki fejn l-imgħax ikun miftiehem iżda mingħajr ma tiġi ndikata r-rata[5]; *a fortiori* għalhekk għandha tapplika r-rata li tkun miftehma.

22. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba billi din ġiet sorvolata kif fuq imsemmi;

(ii) tilqa' t-tieni talba u b'hekk tiddikjara illi l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom għandhom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' sittax-il ef mija u ħamsa u tletin Ewro (€16,135), flimkien mal-imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena dekorribbli mill-1 ta' Marzu 2016 sal-jum tal-ħlas effettiv;

(iii) tilqa' t-tielet talba u b'hekk tikkundanna lill-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lill-attriċi s-somma ta' sittax-il ef mija u ħamsa u tletin Ewro (€16,135), flimkien mal-imgħax bir-rata ta' ħamsa fil-mija fis-sena dekorribbli mill-1 ta' Marzu 2016 sal-jum tal-ħlas effettiv;

[5] Artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili. Ara fir-rigward ***Francesco Mifsud vs. Leone Agius*** (Prim'Awla, 7 ta' Marzu 1958 – Kollezz. Vol.XLII.ii.952).

(iv) bl-ispejjeż kontra l-konvenuti *in solidum*.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Deputat Reġistratur